MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1988/2004

**Bernardette Asciaq (ID210339M)**
**vs**

**Olivia Azzopardi (ID115881M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00), u fejn intqal li waqt illi l-konvenuta kienet qed tirriversja l-vettura JBD-071 baqghet diehla gol-vettura ABJ-981 misjuqa minn Josephine Schembri u proprjeta` tal-attrici. Interpellata biex thallas id-danni billi kien unikament tort taghha minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqghet inadempjenti.**
**Bl-ispejjez u nteressi nkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra s-socjeta` assiguratrici prezentata**

**kontestwalment kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-25 ta' Novembru, 2004 fejn gie eccepit :**
**i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma tahtix ghall-incident de quo ;**
**ii. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attrici jehtigilha tipprova d-danni allegatament sofferti minnha stante li l-istess huma kontestati ;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Bernardette Asciak, Josephine Schembri, Anthony Montebello u Olivia Azzopardi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fil-25 ta' Awissu, 2004 fi Guardamangia Hill, Pieta' bejn il-vettura JBD 071 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura ABJ 981 misjuqa minn Josephine Schembri u proprjeta' ta' l-attrici.**
**2. Skond Schembri l-incident sehh meta hi kellha maghha lill-attrici kienet daret biex tinzel Guardamangia Hill, sabet lill-konvenuta quddiemha kif muri fir-ritratt a fol 12 tal-process, paqpqitilha u din xorta reggghet lura ghal fuqha.**
**3. Il-konvenuta qed tichad illi hi regghet lura izda tghid illi kienet naqset fil-velocita' minhabba karozza li kienet tiela' mid-direzzjoni opposta meta semghet id-daqqa minn wara.**
**4. Id-danni f'din il-kollizzjoni kienu minimi. Il-vettura ta' l-attrici kellha hsara fuq ir-radiator u l-bumper, filwaqt illi l-konvenuta kellha l-hsara fuq il-bumper fir-rokna fuq wara kif indikat fir-ritratti Dok OA 1 u OA 2.**

**5. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi l-konvenuta kienet pjuttost miexja ghal nofs it-triq u huwa verosimili dak li qed jigi allegat minn Schembri korroborata mill-istess attrici illi din reggghet lura ghal fuqha. Dana qed jinghad ukoll illi ma hemmx indikazzjoni li l-konvenuta kienet qed tikser lejn ix-xellug minhabba l-karozza gejja minn faccata peress li mir-ritratt a fol 12 ir-rota ta' quddiem taghha tidher li qed tikser lejn il-lemin. Dwar id-daqqa fejn kienet sija jekk reggghet lura l-vettura, sija jekk ibbrekjat ghal maghha, d-danni kienu ser ikunu l-istess tenut kont tad-danni zghar li kien hemm. Ghalhekk ghall-incident inkwistjoni ghandha tirrispondi unikament il-konvenuta.**

**6. Bhala danni dawna jirrizultaw pruvati mid-Dok BA a fol 22 sa 25 tal-process.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib il-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannaha thallas lill-attrici s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300.00). Bl-imghax legali mill-25 ta' Ottubru, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra s-socjeta' assigurattrici tal-konvenuta ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------